Il-Kummissjoni Ewropea

STATE OF HEALTH IN THE EU

Pooling expertise, strengthening knowledge

– SOMMARJU EŻEKUTTIV–

Health at a Glance: Europe 2018 tippreżenta analiżi komparattiva tal-istatus tas-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa fit-28 Stat Membru tal-UE, ħames pajjiżi kandidati u tliet pajjiżi tal-EFTA. Din hija l-ewwel pass taċ-ċiklu ta' servizzi ta' intermedjarju fl-għarfien State of Health in the EU. Din il-pubblikazzjoni fiha żewġ partijiet. Il-Parti I hi magħmula minn żewġ kapitoli tematiċi, l-ewwel kapitolu jiffoka fuq il-ħtieġa għal sforzi konġunti għall-promozzjoni ta' saħħa mentali aħjar, u t-tieni kapitolu jiddeskrivi l-istrateġiji possibbli biex titnaqqas il-ħela fl-infiq fis-saħħa. Fil-Parti II, hemm ippreżentati l-aħħar tendenzi fl-indikaturi prinċipali tal-istatus tas-saħħa, il-fatturi ta' riskju u l-infiq fuq is-saħħa, flimkien ma' diskussjoni dwar il-progress fit-titjib tal-effettività, tal-aċċessibbiltà u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa Ewropej.

NIDDEFENDU L-KAŻ GĦAL PRIJORITÀ AKBAR LIT-TITJIB TAS-SAĦĦA MENTALI

- Is-saħħa mentali hija ta' importanza kritika għall-benesseri individwali, kif ukoll għall-parteċipazzjoni soċjali u ekonomika. Madankollu, skont stimi reċenti, aktar minn persuna minn kull sitta fil-pajjiżi kollha tal-UE kellhom problema ta' saħħa mentali fl-2016 - ekwivalenti għal madwar 84 miljun persuna. Barra minn hekk, fl-2015, l-imwiet ta' aktar minn 84 000 persuna fil-pajjiżi tal-UE ġew attribwiti għall-mard mentali jew għas-suwiċidju.

"L-ispejjeż totali tal-mard mentali huma stmati għal aktar minn 4 % tal-PDG — jew aktar minn EUR 600 biljun — fit-28 pajjiż kollha tal-UE"

- L-ispejjeż ekonomiċi u soċjali tal-mard mentali huma sostanzjali. L-ispejjeż totali tal-mard mentali huma stmati għal aktar minn 4 % tal-PDG — jew aktar minn EUR 600 biljun — fit-28 pajjiż kollha tal-UE. EUR 190 biljun (jew 1,3 % tal-PGD) jirriflettu l-infiq dirett fuq il-kura tas-saħħa, EUR 170 biljun oħra (1,2 % tal-PDG) jintefqu fuq programmi ta' sigurtà soċjali, filwaqt li EUR 240 biljun (1,6 % tal-PDG) jirrappreżentaw spejjeż indiretti għas-suq tax-xogħol minħabba anqas xogħol u produttività.
- Il-piżijiet tqal individwali, ekonomiċi u soċjali tal-mard mentali mhumiex inevitabbli. Ħafna pajjiżi Ewropej għandhom fis-seħħ politiki u programmi li jindirizzaw il-mard mentali f'etajiet differenti. Madankollu, għad jista' jsir ħafna aktar għall-immaniġjar u l-promozzjoni tas-saħħa mentali.

INNAQQSU L-ĦELA FL-INFIQ BIEX IS-SISTEMI TAS-SAĦĦA JKUNU AKTAR EFFETTIVI U REŻILJENTI

"Evidenza minn diversi pajjiżi tissuġġerixxi li sa mhux aktar minn 20% tal-infiq fuq is-saħħa hija ħela u tista' tiġi allokata mill-ġdid għal użu aħjar"

- Il-ħela fl-infiq isseħħ meta l-pazjenti jsirulhom testijiet jew trattamenti bla bżonn jew meta l-kura setgħet ġiet ipprovduta b'inqas riżorsi u b'riżorsi inqas għaljin. Evidenza minn diversi pajjiżi tissuġġerixxi li mhux aktar minn 20% tal-infiq fuq is-saħħa hija ħela ta' riżorsi u tista' titnaqqas jew tiġi eliminata mingħajr ma tiddgħajjef il-kwalità tal-kura. It-tnaqqis fil-ħela fl-infiq ma jikkontribixxix biss għar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, iżda jgħin biex jinkiseb u jinżamm aċċess universali għall-kura effettiva.

Saħħa u Sikurezza Alimentari

OECD BETTER POLICIES FOR BETTER LIVES

- F'dak li jirrigwarda l-isptarijiet, ħafna ammissjonijiet jistgħu jiġu evitati bl-immanġjar aħjar tal-kundizzjonijiet kroniċi fil-komunità. Ammissjonijiet potenzjalment evitabbli għal kundizzjonijiet bħall-użma u bħad-dijabete jikkunsmaw aktar minn 37 miljun jum fis-sodda kull sena fl-UE kollha. Dewmien bla bżonn fir-rilaxx tal-pazjenti mill-isptar jiswa ħafna flus lill-isptarijiet, u pazjenti li jkunu lesti biex jiġu rrilaxxati jokkupaw ħafna sodod li jistgħu jintużaw minn pazjenti bi ħtiġijiet akbar.
- Meta niġu għall-prodotti farmaċewtiċi, it-tnaqqis tal-iskart u t-titjib tal-valur derivat mill-infiq tal-mediċina huma wkoll kruċjali biex jinkisbu sistemi tas-saħħa sostenibbli u effiċjenti. Taħlita ta' lievi tal-politika tista' tgħin sabiex dan l-għan jiġi appoġġjat, inkluż: (1) li jiġi żgurat il-valur għall-flus fl-għażla u fil-kopertura, fl-akkwist u fl-ipprezzar tal-farmaċewtiċi permezz tal-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa; (2) li jiġi sfruttat it-tfaddil potenzjali minn prodotti ġeneriċi u bijosimili; (3) li jitħeġġeġ il-ħruġ tar-riċetti razzjonali; u (4) li tittejjeb l-aderenza tal-pazjenti.

IL-GWADANJI FL-ISTENNIJA TAL-GĦOMOR NAQSU F'BOSTA PAJJIŻI TAL-UE, U GĦAD HEMM INUGWALJANZI KBAR

- Filwaqt li l-istennija tal-għomor tal-ħajja żdiedet b'mill-inqas sentejn sa tliet snin matul l-għaxar snin bejn l-2001 u l-2011 fil-pajjiżi kollha tal-UE, il-gwadanji naqsu b'mod konsiderevoli mill-2011 f'ħafna pajjiżi partikolarment fl-Ewropa tal-Punent, b'żieda ta' inqas minn ½ sena bejn l-2011 u l-2016. Dan it-tnaqqis jidher li kien xprunat minn tnaqqis fir-rata ta' tnaqqis ta' mwiet minn mard relatat maċ-ċirkolazzjoni u żidiet perjodiċi fir-rati ta' mortalità fost l-anzjani kkawżati parzjalment minħabba li kien hemm staġuni ta' influwenza qawwija f'ċerti snin.

"Persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni jistgħu jistennew li jgħixu sitt snin inqas minn dawk b'livell għoli ta' edukazzjoni"

- Differenzi kbar fl-istennija tal-għomor jippersistu mhux biss skont is-sess, iżda wkoll skont l-istatus soċjoekonomiku. Bħala medja fl-UE kollha, l-irġiel ta' 30 sena b'livell baxx ta' edukazzjoni jistgħu jistennew li jgħixu madwar tmien snin inqas minn dawk bi grad universitarju (jew l-ekwivalenti), filwaqt li "id-distakk fl-edukazzjoni" fost in-nisa huwa idjaq, b'madwar erba' snin. Dawn id-differenzi fil-biċċa l-kbira jirriflettu d-differenzi fl-espożizzjoni għall-fatturi ta' riskju, iżda jindikaw ukoll l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura.

NAGĦTU ENFASI AKBAR FUQ IL-PREVENZJONI TA' FATTURI TAR-RISKJU

- Filwaqt li r-rati tat-tipjip kemm fit-tfal kif ukoll fl-adulti naqsu fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, madwar għoxrin fil-mija tal-adulti għadhom ipejpu kuljum, u daqs wieħed minn kull erbgħa f'pajjiżi b'politiki ta' kontroll tat-tabakk anqas avvanzati.
- Il-politiki tal-kontroll tal-alkoħol naqqsu l-konsum tal-alkoħol b'mod ġenerali f'diversi pajjiżi; il-konsum tal-alkoħol qawwi fost l-adolexxenti u l-adulti jibqa' kwistjoni importanti fil-qasam tas-saħħa pubblika. Fil-pajjiżi tal-UE, kważi 40 % tal-adolexxenti jirrappurtaw mill-inqas każ wieħed ta' "xorb bla rażan" fix-xahar ta' qabel, u aktar minn 40 % tal-irġiel żgħażagħ ta' età bejn 20-29 jirrappurtaw ukoll xorb episodiku bla rażan.

"Mill-inqas wieħed minn kull sitt adulti fil-pajjiżi kollha tal-UE huma obeżi, b'diverġenzi kbar skont l-istatus soċjoekonomiku"

- Il-prevalenza tal-obeżità qed tkompli tiżdied fost l-adulti f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, b'mill-inqas wieħed minn kull sitta ddefiniti bħala obeżi. L-inugwaljanza fl-obeżità għadha notevoli: 20 % tal-adulti li għandhom livell iktar baxx ta' edukazzjoni huma obeżi meta mqabbla mat-12 % ta' dawk b'edukazzjoni ogħla.

INSAĦĦU L-EFFETTIVITÀ TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA, JISTA' JNAQQAS IL-MORTALITÀ PREMATURA

"Fl-2015, aktar minn 1 200 000 mewta setgħet ġiet evitata fil-pajjiżi tal-UE permezz ta' politiki aħjar dwar is-saħħa pubblika jew permezz ta' kura tas-saħħa aktar effikaċi u li tingħata iktar f'waqtha"

- Fl-2015, aktar minn 1,2 miljun ruħ fil-pajjiżi tal-UE mietu minn mard jew b'korrimenti li setgħu jiġu evitati permezz ta' politiki dwar is-saħħa pubblika aktar b'saħħithom jew b'kura tas-saħħa aktar effettiva u f'waqtha.

- F'dawn l-aħħar snin, f'xi partijiet tal-Ewropa, reġa' feġġ mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim, u dan juri l-importanza li jkun hemm promozzjoni effettiva għall-kopertura tat-tilqim għat-tfal kollha fil-pajjiżi kollha tal-UE.
- Huwa stmat li fl-2016, 790 000 ruħ fil-pajjiżi tal-UE mietu qabel iż-żmien minħabba t-tipjip, il-konsum tal-alkoħol ħażin għas-saħħa, id-dieti ħżiena għas-saħħa u n-nuqqas ta' attività fiżika.
- Il-kwalità ta' kura akuta għal kundizzjonijiet ta' theddid għall-ħajja f'ħafna mill-pajjiżi tjiebet matul dawn l-aħħar għaxar snin. Anqas nies qed imutu wara ammissjoni fl-isptar minħabba infart mijokardjali akut (tnaqqis ta' 30 % bħala medja bejn l-2005 u l-2015) jew minħabba puplesija (tnaqqis ta' aktar minn 20 % matul dan l-istess perjodu). Madankollu, differenzi kbar fil-kwalità tal-kura akuta jippersistu mhux biss bejn il-pajjiżi iżda wkoll bejn l-isptarijiet f'kull pajjiż.
- Inkiseb ukoll progress notevoli fl-immaniġġjar tal-kanċer permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' skrinjar imsejsa fuq il-popolazzjoni u l-għoti ta' kura aktar effettiva u f'waqtha. Ir-rati ta' sopravivenza għal kanċer differenti qatt ma kienu ogħla, iżda għad hemm lok konsiderevoli għal aktar titjib fil-immaniġġjar tal-kanċer f'ħafna pajjiżi.

NIŻGURAW AĊĊESS UNIVERSALI GĦALL-KURA ĦALLI NNAQQSU L-INUGWALJANZI FIL-QASAM TAS-SAĦĦA

"Ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux sodisfati huma ġeneralment baxxi fil-pajjiżi tal-UE, iżda l-probabbiltà li unitajiet domestiċi bi dħul baxx jirrapportaw bżonnijiet mhux sodisfati hija ħames darbiet ogħla minn dik ta' unitajiet domestiċi bi dħul għoli"

- Ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux sodisfati huma miżura importanti ta' aċċessibbiltà. *Data* ta' stħarriġ reċenti turi li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, is-sehem tal-popolazzjoni li jirrapporta ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux sodisfati huwa ġeneralment baxx u naqas matul l-aħħar għaxar snin. Madankollu, il-probabbiltà li unitajiet domestiċi bi dħul baxx jirrapportaw ħtiġijiet ta' kura mhux sodisfati għadha ħames darbiet ogħla minn unitajiet domestiċi bi dħul għoli, prinċipalment minħabba raġunijiet finanzjarji.
- Minbarra li jkunu għall-but ta' kulħadd, is-servizzi tas-saħħa jridu jkunu wkoll aċċessibbli meta u fejn il-persuni jkollhom bżonnhom. Filwaqt li tul dawn l-aħħar snin l-għadd ta' tobba u infermiera fi kważi l-pajjiżi kollha tal-UE żdied, in-nuqqas ta' tobba tal-familja huwa komuni, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti.
- Il-ħinijiet ta' stennija twal għall-kirurġija elettiva hija kwistjoni ta' politika importanti f'ħafna pajjiżi tal-UE billi dan ixekkel l-aċċess f'waqtu għall-kura. F'ħafna minn dawn il-pajjiżi, il-ħinijiet ta' stennija żdiedu f'dawn l-aħħar snin hekk kif id-domanda għall-kirurġija żdiedet b'mod aktar rapidu mill-provvista.

INSAĦĦU R-REŻILJENZA TAS-SISTEMI TAS-SAĦĦA

- Is-sistemi tas-saħħa jeħtieġ li jwieġbu b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa li jinbidlu minħabba l-bidliet demografiċi u jisfruttaw aktar bis-sħiħ il-potenzjal ta' teknoloġiji diġitali ġodda biex isaħħu l-prevenzjoni u l-kura.
- Minn 8,8 % fl-2008, in-nefqa tas-saħħa laħqet id-9,6 % tal-PDG fl-UE kollha fl-2017. It-tixjiħ tal-popolazzjoni jfisser li l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux biss se jiżdiedu fil-futur, iżda li se jkun hemm ukoll domanda li kull ma tmur dejjem tikber għall-kura fit-tul. Fil-fatt, l-infiq fuq il-kura fit-tul hija mistennija li tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-infiq fuq il-kura tas-saħħa.

"It-teknoloġiji diġitali ġodda għandhom il-potenzjal li jippromwovu t-tixjiħ aktar f'saħħtu u l-kura iktar iffukata fuq in-nies"

- It-teknoloġiji diġitali l-ġodda joffru opportunitajiet kbar biex jiġi promoss it-tixjiħ f'saħħtu u tinkiseb kura aktar effiċjenti u aktar ffukata fuq in-nies. L-użu ta' Rekords Mediċi Elettroniċi u tal-Preskrizzjoni elettronika qed jikber fil-pajjiżi kollha tal-UE, u għadd dejjem jikber ta' residenti tal-UE qed jużaw l-internet biex jiksbu tagħrif dwar is-saħħa u biex jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa, għalkemm hemm differenzi skont l-età u l-gruppi soċjoekonomiċi.
- It-tixjiħ tal-popolazzjoni jeħtieġ trasformazzjonijiet profondi fis-sistemi tas-saħħa, minn fokus fuq il-kura akuta fl-isptarijiet għal kura aktar integrata u ffokata fuq in-nies fil-komunità. Ħafna pajjiżi tal-UE bdew din it-trasformazzjoni aktar minn għaxar snin ilu – pereżempju billi naqqsu l-kapaċità tal-isptarijiet u t-tul medju tal-permanenza, u t-tisħiħ tal-kura fil-komunità – iżda l-proċess għadu jeħtieġ sforzi kontinwi u fit-tul.

INSEGWU U NTEJBU L-ISTAT TAS-SAĦĦA FL-UE

Health at a Glance: Europe 2018 hija r-riżultat ta' kollaborazzjoni mill-qrib u kontinwa bejn l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea biex jitjieb l-għarfien għal pajjiżi speċifiċi u għall-UE kollha dwar kwistjonijiet tas-saħħa bħala parti miċ-ċiklu tal-Kummissjoni "State of Health in the EU".

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea nediet iċ-ċiklu *State of Health in the EU* biex tgħin lill-Istati Membri fit-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tagħhom u fit-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. *Health at a Glance: Europe*, l-ewwel prodott taċ-ċiklu ta' sentejn, kull sena biż-żewġ tippreżenta *data* estensiva u analiżi komparattivi li jistgħu jintużaw biex jidentifikaw kemm l-punti qawwija kif ukoll l-opportunitajiet għat-titjib kemm fis-saħħa kif ukoll fis-sistemi tas-saħħa.

It-tieni pass fiċ-ċiklu huwa l-*Profili tas-Saħħa tal-Pajjiżi* għall-pajjiżi kollha tal-UE. L-edizzjoni li jmiss ta' dawn il-profili se tiġi ppubblikata fl-2019 flimkien mal-Osservatorju Ewropew għas-Sistemi u għall-Politiki tas-Saħħa, u se tenfasizza l-karatteristiċi u l-isfidi partikolari għal kull pajjiż. Wara *Rapport ta' Akkumpanjament* li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta flimkien mal-profili, l-aħħar pass fiċ-ċiklu huwa serje ta' *Skambji Volontarji* mal-Istati Membri. Dawn huma opportunitajiet biex jiġu diskussi f'aktar dettall uħud mill-isfidi u mir-reazzjonijiet ta' politika potenzjali.

Informazzjoni: ec.europa.eu/health/state/summary_mt.